MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 77/2008/1

**Doris mart Euchar Mizzi, Carmelo Debattista,**
**Josephine Mercieca u Maria Spiteri**

**v.**

**Jane Bonnici**

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell maghmul mill-konvenuta minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fid-19 ta' Jannar 2010 li permezz tieghu dik il-Qorti, wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, laqghet it-talba tal-atturi, u,

ghall-finijiet tal-izgumbrament, iffissat terminu ta' xahrejn mid-data tas-sentenza, bl-ispejjez a karigu tal-istess konvenuta.

**2.** Fir-rikors taghha, il-konvenuta talbet li din il-Qorti tilqa' l-appell, u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, filwaqt li tichad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra l-atturi appellati.

**3.** Min-naha taghhom l-atturi talbu li din il-Qorti tichad l-appell tal-konvenuti u tikkonferma s-sentenza appellata, u wkoll tapplika fil-konfront tal-istess konvenuta d-dispost tal-Artikolu 223 [4] tal-Kap.12 u l-istess appellanti tigi kkundannata thallas lill-appellati spejjez ghal darbtejn.

**Il-Fatti**

**4.** Il-fatti relevanti huma dawn.

**5.** Illi Giuseppi u Carmela, konjugi Buhagiar, genituri tal-konvenuti, kien jokkupaw b'titolu ta' kera l-fond 24 Pjazza Savina Rabat, Ghawdex, [il-fond tar-Rabat] proprjeta` tal-atturi.

**6.** Wara li l-konvenuta, li, flimkien ma' zewgha u uliedha kienet tabita fil-fond konjugali numru 16 Triq Ghar Qawqla, Marsalforn, Ghawdex, [il-post ta' Marsalforn] infirdet minn ma' zewgha b'kuntratt tat-3 ta' Settembru 2001, hija bdiet tiffrekwenta aktar id-dar tal-genituri taghha li kienu avvanzati fi zmien u ghalhekk kellhom bzonn l-ghajnuna. Din l-ghajnuna kienet tigi mhux biss mill-konvenuta, izda anke miz-zewg hutha bniet l-ohra, Carmen u Marie Louise. Meta miet Giuzeppi Buhagiar fis-7 ta' Marzu 2004 din l-ghajnuna da parti tal-konvenuta u hutha fil-konfront ta' ommhom zdiedet, sakemm mietet ukoll, Carmela Buhagiar fid-9 ta' Jannar 2008.

**7.** Mal-mewt ta' Carmela Buhagiar, l-atturi talbu r-ripreza tal-fond taghhom, izda l-konvenuta rrifjutat li taghtihom ic-cavetta, u avvanzat id-dritt li tibqa' tabita bhala "kerrej" fl-imsemmi fond in bazi ghall-Artikolu 2 tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, u fuq il-pretensjoni fattwali

taghha li fil-mument tal-mewt ta' ommha hija kienet qed toqghod maghha fl-istess fond.

**Is-Sentenza Appellata**

**8.** Illi l-ewwel Qorti ddisponiet mill-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta bil-mod segwenti.

**9.** Rigward l-ewwel eccezzjoni, li kienet fis-sens li n-notifika tar-rikors guramentat kienet nulla stante li ma kinitx saret skont l-Artikolu 187[1] tal-Kap. 12, l-ewwel Qorti, osservat li, fuq l-istregwa tal-gurisprudenza citata minnha, il-fatt li l-konvenuta prezentat risposta guramentata u tat eccezzjonijiet fil-meritu, kif ukoll deheret ghas-seduti u ressqet il-provi, dan ghandu jigi nterpretat bhala li tat ruhha b'notifikata bl-atti tal-kawza. Ghalhekk cahdet l-ewwel eccezzjoni.

**10.** It-tieni eccezzjoni kienet fis-sens li l-ewwel Qorti kienet inkompetenti biex tisma' l-kaz, kemm *ratione valoris* kif ukoll *ratione materiae* stante li l-konvenuta kienet tokkupa l-fond b'titolu ta' kera skont l-Artikolu 2 fuq citat. L-ewwel Qorti osservat li din l-eccezzjoni kienet minghajr bazi legali stante li l-Artikolu 47[3] tal-Kap. 12 jaghmilha cara li kawzi li jittrattaw zgumbrament minn fond, ma jaqghux taht il-kompetenza tal-Qorti inferjuri. Wara li ccitat kazistika, dik il-Qorti osservat ukoll li l-punt li kellu jigi deciz f'dan il-kaz kien jekk il-konvenuta kellhiex titolu legali sabiex tokkupa l-fond *de quo*, u li d-determinazzjoni ta' din il-kwistjoni taqa' fil-kompetenza tal-Qorti ordinarja. Ghalhekk l-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni.

**11.** Fil-mertu l-pretensjoni tal-konvenuta hija bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 2 tal-Kap. 69 li, fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:

"kerrej" tfisser ukoll:

"[a] ... ... …

"[b] fil-kaz ta' dar ta' abitazzjoni, meta l-kerrej ma jhallix warajh armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu."

**12.** Il-konvenuta tikkontendi li hi tikwalifika bhala membru tal-familja tal-kerrej [ommha] li maghha kienet toqghod fiz-zmien tal-mewt taghha, u ressqet diversi xhieda in sostenn ta' din it-tezi. Min-naha taghhom l-atturi ressqu xhieda, anke estranei, li jikkonfermaw it-tezi taghhom, u cioe` li, fiz-zmien tal-mewt ta' Carmela Buhagiar, il-konvenuta ma kinitx tirrisjedi ma' ommha fil-fond *de quo*, u allura id-dispost fuq indikat huwa inapplikabbli.

**13.** Dwar ir-rekwiziti rikjesti mill-Artikolu 2 fuq citat, l-ewwel Qorti ghamlet dawn l-osservazzjonijiet ta' natura legali:

"Iz-zewg elementi essenzjali huma li:-

"1. Il-persuna trid tkun membru tal-familja tal-kerrej.

"2. Tkun toqghod mal-kerrej fiz-zmien tal-mewt tieghu. Il-ligi ma tipprovdix kemm il-persuna trid tkun ilha tghix mal-inkwilin sabiex tkun tista' tibbenefika mill-protezzjoni li jipprovdi l-Kap. 69.

"F'dan il-kaz ma japplikawx l-emendi ntrodotti bl-Att X tal-2009.

"M'huwiex kontestat li l-konvenuta hi *"membru tal-familja"*, in kwantu hi bint Carmela Buhagiar (l-inkwilina) li mietet fid-9 ta' Jannar 2008[1]."

*"Il-Qorti tghid li l-bniedem jista' jkollu anke ghaxar residenzi, ghalkemm generalment wahda minnhom biss tkun ir-residenza ordinarja tieghu, u mbaghad jista' jkollu r-residenza tal-kampanja, ta' l-ispjagga, tal-muntanja et*

[1] F'dan il-kuntest ara sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawza **Carmen Pace et vs Charles Grech** deciza fit-22 ta' Novembru 2002.

*similia, skond kemm il-fortuna tippermettilu. Il-lum huwa moda anke l-yacht bhala residenza.* ***Imma fl-opinjoni kkunsidrata tal-qorti l-kwistjoni mhix qieghda hawnhekk, izda fl-interess tutelat fl-artikolu 2 tal-Kap. 109[2], li kif intqal fis-sentenzi Cutajar vs Quirolo u Spiteri vs Buhagiar, fuq imsemmija, huwa dak li tinghata protezzjoni lill-parenti tat-tenant li junu jogghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt biex huma ma jsibux ruhhom barra t-triq.*** *"* (**Dr John Agius vs Marlene Copperstone et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[3] fil-25 ta' Mejju 1966).

**14.** L-ewwel Qorti, wara li semghet hi *viva voce* x-xhieda kollha, u l-kontro-ezamijiet ta' dawk li xehedu bl-affidavit, waslet ghall-konkluzjoni li l-konvenuta ma rnexxilhiex tipprova t-titolu vantat minnha. Dik il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-Qorti semghet verzjonijiet kontrastanti. L-atturi jsostnu li l-konvenuta kienet tirrisjedi fil-fond 16 Triq Ghal Qawqli, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex u li qatt ma ghexet fil-fond meritu tal-kawza. Minn naha l-ohra, il-konvenuta ssostni li sa minn qabel ma miet missierha, kienet qeghda tghix fil-fond in kwistjoni. Jekk il-konvenuta kientix qeghda tghix ma ommha hi kwistjoni ta' fatt."

Illi aktar tard fis-sentenza taghha l-Qorti ssoktat tghid:

"M'hemmx dubju li l-qorti trid tibbaza d-decizjoni fuq il-provi li ressqu l-partijiet. Setghet tkun ferm rilevanti informazzjoni relatata mal-konsum ta' dawl, ilma u telefon mill-fond ta' Marsalforn u r-Rabat matul perjodu ta' hames (5) snin qabel il-mewt ta' Carmela Buhagiar. Dan meqjus li l-verzjoni tal-konvenuta hi li fil-fond ta' Marsalforn ma kien qieghed ighix hadd hlief bintha, Sabrina Bonnici, ghall-perjodi qosra li tkun. Sfortunatament dawn il-provi ma tressqux.

---

[2] Kap. 69.
[3] Imhallef M. Caruana Curran.

"Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-konvenuta li l-atturi ghandhom l-oneru li jaghtu prova li ma tikkwalifikax bhala "kerrej" skond l-Artikolu 2 tal-Kap. 69. L-oneru tal-prova qieghed fuq il-konvenuta in kwantu hi qeghda tallega li tikkwalifika taht id-definizzjoni ta' "kerrej" skond l-Artikolu 2 tal-Kap. 69 (ara **Dr John Agius vs Marlene Copperstone et**, fuq imsemmija).

"Il-qorti tistqarr li f'dan il-kaz ma kien facli xejn sabiex tasal ghal konkluzjoni. Madankollu wara li kellha l-opportunita' li tisma' *viva voce* x-xhieda, tqies li fir-realta' l-konvenuta qatt ma abbandunat id-dar taghha, cjoe' 16, Triq Ghar Qawqla, Marsalforn. Il-qorti ma tiddubitax li wara l-mewt ta' missierha l-konvenuta kienet tqatta' hafna hin fid-dar fejn kienet tghix ommha, u regolarment kienet torqod f'dik id-dar. Il-prezenza taghha fid-dar tar-Rabat kienet frott tal-imhabba u rispett kbir li kellha lejn ommha u mhux ghaliex kien hemm xi necessita' min-naha taghha. Pero' daqstant iehor kienu jghinu hutha (Carmen Xuereb u Marie Louise Xuereb), ghalkemm jidher li l-konvenuta kienet tqatta' iktar hin ghand ommha. Il-Monsinjur Joseph Gauci ma setax iddeskriva s-sitwazzjoni ahjar meta qal: *"L-ideja taghna kienet illi din il-mara kienet tassew moqdija minn uliedha."* (fol. 88). Pero' l-qorti m'hijiex moralment konvinta li l-konvenuta kienet abbandunat id-dar ta' Marsalforn u stabbilit il-fond 24, Pjazza Savina, Rabat, Ghawdex bhala r-residenza ordinarja taghha. Dan iktar u iktar meta l-qorti lanqas mhi konvinta li l-konvenuta kienet qeghda ta' kuljum torqod id-dar ta' ommha. Ghalkemm Carmen Xuereb qalet li kien hemm drabi fejn hi u ohtha Marie Louise Xuereb raqdet maghha (fol. 179), din xehedet li ma kenitx torqod ghand ommha (fol. 173). Sahansitra qalet: ***"Ohti Carmen dejjem kienet torqod ghand il-mama*** *pero' gieli kien hemm granet li ma setghetx torqod u ma qaghditx."* (enfazi tal-qorti). Il-qorti ma tqiesx li hu verosimili li ma' Carmela Buhagiar kienu qeghdin jorqdu zewgt itfal, iktar u iktar meta mill-provi ma rrizultax li matul l-ahhar tlett (3) snin ta' hajja l-kundizzjoni ta' sahha tal-omm kienet tant prekarja. Lanqas ma rrizulta li Carmela Buhagiar kienet mixhuta fis-sodod, tant li l-qassisin li kienu jmorru jqarbnuha qalu li kien fl-ahhar zmenijiet li kienet fis-sodda. Hekk per ezempju Monsinjur Joseph

Gauci qal li *“Jekk niftakar sew Carmela ghamlet temp ta’ ftit gimgha irtirata fis-sodda. Ma kintix pero bedridden.”* (fol. 88). F’dan ix-xenarju l-qorti ma tara l-ebda skop ghalfejn jekk il-konvenuta verament kienet tghix ma’ ommha, ohtha Carmen Xuereb kellha toqghod tmur torqod ukoll fid-dar fejn kienet tghix ommha. Il-qorti hi konvinta li Carmen Xuereb kienet tmur torqod ghand ommha ghaliex kellha ftehim mal-konvenuta sabiex jitqassmu. Dan jirrizulta wkoll mix-xhieda ndipendenti li ressqu l-atturi, li qalu x’kienet tghidilhom Carmen Xuereb. Il-familjari tal-konvenuta (uliedha u hutha) kollha pprovaw jaghtu lill-qorti x’tifhem li l-fond ta’ Marsalforn ilu s-snin (mis-sena 2003) vojt. Rilevanti wkoll pero’ kif:-

“(a) Meta fl-2004 il-konvenuta fethet kont bankarju ma’ Lombard Bank, tat l-indirizz ta’ Marsalforn. Mistoqsija dwar dan il-fatt wiegbet: *“forsi jien lill-huti ma riedtx naghtihom is-sodisfazzjoni ta’ certu korrispondenza li qeghda nircievi.”* (fol. 183). Ftit wara bidlet il-verzjoni u qalet li ghamlet hekk ghaliex kienet ghadha ma bidlitx l-indirizz fuq il-karta tal-identita.

“(b) Jirrizulta li qatt ma talbet lil Maltapost biex tibdel l-indirizz postali taghha. Mistoqsija ghalfejn, wiegbet li *“qatt ma gietni f’mohhi li naghmilha.”* (fol. 183). Ir-raguni tghidlek li jekk mort tghix band’ohra b’mod permanenti, tiehu hsieb taghmel dak li hemm bzonn sabiex il-posta tirceviha fil-post fejn qieghed tghix.

“Meqjus li l-oneru tal-prova hu fuq il-konvenuta, il-qorti m’hijiex sodisfatta li rnexxielha tressaq provi sodisfacenti li tikkwalifika bhala kerrej skond l-Artikolu 2 tal-Kap. 69.”

## L-Appell

**15.** L-ewwel aggravju

Dan l-aggravju jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta dwar in-notifika taghha bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh. Hija tghid hekk:

“L-eccezzjoni dwar in-nullita’ tan-notifika, din giet imqajjma *in limine litis*, u mhux sew li l-Qorti li rregolat il-proceduri

ta’ quddiemha b’ tali mod li jigi kollox deciz f’ sentenza wahda. Tiddecidi kontra min qajjem l-eccezzjoni ghaliex dan halla li jitkomplew il-proceduri. L-esponenti eccipjenti ma kellha ebda xelta ohra, hlief li tippartecipa fil-proceduri, inkella, l-konsegwenzi setghu kienu aghar.”

**16.** Din il-Qorti tosserva li b’dan l-aggravju l-konvenuta donna qeghda tghid li, qabel ma kompliet bis-smigh tal-kaz, l-ewwel Qorti kien messa hadet konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni li saret *in limine litis* u tat decizjoni dwarha. Il-konvenuta tilmenta li l-mod kif prosegwit l-ewwel Qorti huwa *“kuntrarju tal-ispirtu tar-ragunament tal-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha biex tichad din l-eccezzjoni.”*

**17.** Dan l-aggravju huwa insostenibbli, kemm legalment kif ukoll fattwalment.

**18.** Huwa insostenibbli legalment peress li l-ligi stess taghti lill-Qorti s-setgha li tiddeciedi eccezzjonijiet ta’ din in-natura kemm qabel, kif ukoll mas-sentenza fuq il-meritu. Di fatti l-Artikolu 730 tal-Kap. 12 jghid hekk:

“L-eccezzjoni ta’ inkompetenza jew ta’ illegittimita’ ta’ persuna, u l-eccezzjonijiet ta’ transazzjoni, arbitragg, *res judicata*, preskrizzjoni jew nullita’ ta’ atti ghandhom jigu decizi b’ kapi ghalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu.”

**19.** Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-ligi meta ddecidiet li tisma l-kaz kollu, u ddecidiet fuq l-eccezzjonijiet preliminari fis-sentenza finali.

**20.** Inoltre kif osservat din il-Qorti, diversament komposta, fil-kaz **Antoinette Vella v. Kummissarju tal-Artijiet** deciza fit-13 ta’ Lulju 2001:

“... ... jekk mill-att ikun jirrizulta illi l-persuna notifikanda kienet ipprocediet biex tikkontestah permezz ta’ risposta skond il-ligi, l-att tan-notifika nnifsu isir ghall-fini tal-process ghal kollox irrilevanti. Dan proprju ghaliex il-prezentata tar-risposta tekwivali u kellha tigi nterpretata

bhala dikjarazzjoni tal-parti li tkun qed taghti ruhha b' nofitikata bl-att."

**21.** Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta ghazlet li tuza' d-diskrezzjoni taghha li tiddeciedi fuq l-eccezzjonijiet preliminari flimkien mas-sentenza fil-meritu. Dan jaghmel izjed sens meta jigi kkunsidrat li d-determinazzjoni tal-eccezzjoni kienet tiddependi fuq punt li jifforma l-mertu proprju tal-kawza odjerna, u cioe` jekk ir-residenza tal-konvenuta kinitx fil-fatt fil-post fejn irceviet l-atti tal-kawza, u cioe` fil-fond ta' Marsalforn, kif qed isostnu l-atturi, jew kienx il-fond tal-genituri taghha fir-Rabat, kif sostnut mill-istess konvenuta.

**22.** Dan l-aggravju huwa nsostenibbli anke fattwalment, ghax mill-provi rrizulta li l-konvenuta kienet tircievi posta fil-fond ta' Marsalforn[4], u l-atti gudizzjarji gew konsenjati f'dan il-fond lit-tifla taghha Sabrina li minn naha taghha kkonsenjathom lill-konvenuta[5].

**23.** Il-konvenuta tghid: *"Posta Marsalforn gieli nircievi. Re-direction of mail qatt ma ghamilt, qatt ma gietni f'mohhi li naghmilha."[6].* Din il-Qorti thoss li fir-rigward, hija valida s-sottomissjoni tal-atturi li kieku verament l-indirizz ta' Marsalforn ma kienx ghadu l-indirizz postali tal-konvenuta din kienet tiehu hsieb li ta' l-anqas taghmel *re-direction of mail* ghall-post fejn kienet qeghda toqghod, haga li hija baqghet ma ghamlitx.

**24.** Il-premessi konsiderazzjonijiet juru kemm kienet ghaqlija l-ewwel Qorti li tiddeciedi dwar din l-eccezzjoni preliminari mas-sentenza fil-meritu, tenut kont li l-kontestazzjonijiet kienu jimpernjaw dwar l-istess kwistjoni ta' fatt, u cioe` fejn kienet qed toqghod il-konvenuta meta mietet ommha. Din il-Qorti tosserva li bil-mod kif imxiet l-ewwel Qorti gie frankat hafna dewmien inutili li tkun ta' pregudizzju tal-atturi.

**25.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

---

[4] Fol.183
[5] Fol.145
[6] Fol.183

*It-tieni aggravju*

**26.** Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti, bhala Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] fil-gurisdizzjoni superjuri taghha, kienet inkompetenti *ratione valoris* u *ratione materie* li tiehu konjizzjoni tal-kaz li jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] bhala Qorti inferjuri.

**27.** L-ewwel Qorti rriferiet ghall-Artikolu 47 [3] tal-Kap.12 li jaghmilha cara li kawzi li jittrattaw dwar zgumbrament minn fond ma jaqghux taht il-kompetenza tal-Qorti inferjuri. Il-konvenuta min-naha taghha taghmel referenza ghall-Artikolu 50 [2][a] tal-istess Kap. biex issostni l-argument taghha li, ghalkemm l-Artikolu 48 kien gie abbrogat bl-att XXXI/2002, izda, ghall-finijiet tal-Artikolu 50 dan ghadu fis-sehh stante li fih hemm referenza ghall-Artikolu 48.

**28.** Fir-rigward din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, hi tal-fehma li l-pozizzjoni kif tohrog mill-Artikolu 47 [3] hija cara, u r-referenza ghall-Artikolu 48 fl-Artikolu 50 [2][a] tidher li huwa zball da parti tal-legislatur li, meta abroga l-Artikolu 48, ma emendax ukoll l-Artikolu 50 billi jnehhi r-referenza ghall-artikolu abrogat minnu. Din hija l-ispjegazzjoni manifestament logika li ma gharfitx il-konvenuta meta ssollevat din l-eccezzjoni. Ghax kif jista' jigi validament sostnut, jekk mhux bi zvista, li l-legislatur ried li permezz tal-Artikolu 50 [2][a] jaghmel referenza u japplika artikolu tal-ligi li kien gie abrogat minnu?

**29.** Rigward l-eccezzjoni tal-inkompetenza *ratione materiae*, il-konvenuta tghid li l-ewwel Qorti kienet inkompetenti *"billi l-eccipjenti <u>ghandha titolu validu</u> fil-ligi ai termini tal-Artikolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta."*[7]

**30.** Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li l-azzjoni proposta mill-atturi hija dik ta' zgumbrament tal-konvenuta minhabba li qed tokkupa l-fond taghhom <u>minghajr titolu</u> validu fil-ligi, u din l-azzjoni hi ta' kompetenza tal-qrati ordinarji. Kif osservat mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-

---

[7] Sottolinear ta' din il-Qorti

kawza **Professur John B Pace et v. Mario Tabone** deciza fis-16 Settembru 2009:

"[1] Ghall-ezami tal-kwistjoni jekk il-konvenut ghandux titolu jew le hija kompetenti l-Qorti ordinarja [ara ***Gaetano Cauchi vs Avv.Dr.Tommaso Fenech*** *nomine* App.Inferjuri, 29 ta' Settembru 1948];

"[2] Dejjem dik l-istess Qorti ordinarja hi fakoltizzata li tinvesti u tezamina jekk il-konvenut huwiex kerrej, anke mill-aspett tal-ligi specjali [ara ***Peter Sammut Briffa et vs Maria Dolores Zammit*** *et* Appell Inferjuri 17 Ottubru 2002, u ***Joseph Gauci vs Catherine Kerkoub****,* Appell Inferjuri, 20 Ottubru 2003]."

**31.** Kif osservat l-ewwel Qorti, li kieku mbaghad kellu jigi stabbilit li l-konvenuta ghandha titolu ta' kera, allura din il-Qorti ma tibqax kompetenti. Dan kif konfermat mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet **Gemma Brownrigg et v. Natasha Camilleri et** deciza 20 Ottubru 2003:

"Stabbilit li tali titolu [ta' kera] kien jezisti l-kompetenza esklussiva biex jigi deciz jekk tali kirja kellhiex tigi terminata kienet, fil-perijodu tar-rilokazzjoni, bhal ma hekk hu dan il-kaz vestita fil-Bord ta' gurisdizzjoni spejcali, ossija l-Bord li Jirregola l-kera [ara ***Francis Paris et vs John Grima*** Appell, Sede Inferjuri 11 Jannar 1996, u ***Alfred Fenech vs Rosaria Bartolo***, Appell, Sede Inferjuri, 28 ta' April 2000."

**32.** Fit-tieni lok, din il-Qorti tosserva li, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-konvenuta, kienet korretta l-ewwel Qorti fl-osservazzjoni taghha li l-oneru tal-prova li l-konvenuta kienet tikkwalifika bhala kerrej fit-terminu tal-Artikolu fuq citat, kien jirrisjedi fuq l-istess konvenuta li kienet qed tallega titolu validu. Kien ghalhekk jispetta lilha li tressaq provi u tissodisfa lill-Qorti li hi kellha dan it-titolu fil-ligi naxxenti mill-Artikolu precitat.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat.

*It-tielet aggravju*

**33.** Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta waslet ghall-konkluzjoni li l-konvenuta ma kinitx tirrisjedi fil-fond tar-Rabat. Tghid li l-ewwel Qorti naqset li tiehu in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi:

“[i] a. Il-fond numru 16 Triq Ghar Qawlqla Marsalforn huiwa proprjeta’ tal-genituri u llum tal-ahwa Buhagiar. F’ dan il-fond jidhol u johrog minn irid mill-ahwa. Qajla jista’ jinghad li f’ dan il-fond li huwa battal jirrisjedi xi hadd in partikolari.

“[ii] b. Il-konvenuta ilha separata minn ma zewgha ‘il fuq minn ghoxrin sena. Meta kienet toqghod fih, ghax kien misluf lilha mill-genituri taghha..

“[iii] c. Ma hemmx dubju li l-preponderanza tax-xhieda u provi migjuba juru li l-konvenuta kienet u ghada toqghod fil-fond 24, Pjazza Savina. Wiehed ma jarax ghaliex l-Ewwel Qorti kellha tara stramba li l-ahwa Buhagiar kienu jqattghu hafna zmien [fl-imsemmi fond]. Familji maghqudin, familji Maltin ghandhom din it-tendenza u cioe’ li t-tfal specjalment il-bniet jibqghu attakkati mal-genituri taghhom..

“[iv] d. Huwa zbaljat ukoll l-ispostament tal-oneru tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti, salv ghal tlett xhieda li xhedu dwar x’ semghu lil-oht-il konvenuta, Carmen Buhagiar [recte: Xuereb] tghid dwar l-arrangament ta’ rqad. Ma hemm ebda indikazzjoni li l-konvenuta ma tirrisjedix fil-fond [tar-Rabat]. Irid jigi emfasizzat li din hi xhiedha ‘detto del detto’ li giet ampjament kontra-detta mill-imsemmija Carmen [Xuereb].

“[v] e. Ma ngabet ebda prova li l-konvenuta toqghod fil-fond numru 16 Triq Ghar Qawqla. Anzi r-records ufficjali u d-dokumenti esebiti jindikaw u jippuntaw fid-direzzjoni opposta, u dan per esempju l-kaz fejn kellha tigi ffirmata petizzjoni mir-residenti ta’ Pjazza Savina, u l-konvenuta tidher bhala wahda mir-residenti flimkien ma’ ommha.”

**34.** Qabel xejn ghandu jinghad, in tema legali, li l-Qorti tal-Appell bhala Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim istanza, hlief meta tkun manifestament zbaljata jew ghax ikun hemm ragunijiet serji *[App.C*. **Emanuel Cardona et v. Dr.Graham Busuttil et** *10/01/1995].* Dan ma jsirx "sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubbju ragjonevoli fuq il-gustizzja ta' apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel Qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ngustizzja manifesta" *[App.C.* **Paul Formosa v. Salvu Deboni** *deciza 5/10/2001]*

**35.** Fil-kawza ***Av.Dr.Henry Mamo vs Joseph Farrugia*** deciza fis7 ta' Lulju 2006 din il-Qorti osservat hekk:

"Kif sewwa osservat din il-Qorti.. fil-kazwa ***Bezzina v Falzon*** [11/1/1995] 'Il-Qorti tal-Appell ma tistax tissostitwixxi dak il- konvinciment morali b' konvinciment morali iehor kuntrarju jew oppost. Dan mhuwiex il-kompitu ta' Qorti ta' Appell, il-funzjonijiet u d-doveri ta' din il-Qorti huima ohra; huma ta' natura purament oggettivi fis-sens li kontra dak il-konvinciment morali soggettiv tat-Tribunal li jkun sema' l-provi u wisinhom ghandha topponi elementi oggettivi ta' prova, jew inkella ta' dritt li jiggustifikaw lil din il-Qorti minhabba l-komposizzjoni plurali taghha, li fuq dawk l-elementi oggettivi hi thaddi biex thassar jew telimina l-konvinciment morali soggetti ta' l-ewwel gudikatn, imma mhux altrimenti."[8]

**36.** Kif osservat din il-Qorti fil-kawza **Borg Barthet v. Carnik Contructions Limited** deciza fit-13 Ottubru 2008:

"Li l-gudikant in prim' istanza jkun "f' pozizzjoni ferm aktar vantaggjuza minn din il-Qorti li trid tevalwa l-provi testimonjali semplicement a bazi tat-traskrizzjoni xotta xotta tax-xhieda. Ghandu jigi rilevat li l-ewwel Qorti li tat

[8] [Ara wkoll: App. **Marshall Marcus v. Aquilina Raymond** – 6/12/2002; App.Inf. **Carmelo Agius v. John Agius** 2/12/1994 Vol.XXVIII.II.336; App.S. **John Grima v. Victor Borg** – 28/11/2008].

is-sentenza taghha setghet tosserva kontinwament matul il-gbir tal-provi l-komportament tax-xhieda waqt li huma kienu qeghdin jiddeponu quddiemha. Huwa maghruf illi l-komportament ta’ xhud waqt li huwa jiddeponi jghati hjiel tajjeb hafna lill-gudikant attent u ta’ esperjenza, dwar il-veracita’ o meno ta’ dak li l-istes xhud ikun qed jiddeponi. Dana difficilment jigi rifless fit-traskrizzjoni tax-xhieda, izda gudikant ta’ esperjenza li jkun qieghed jisma’ xhud generalment ikun ghassa ghall *body language* tax-xhud bhal ezitazzjonijeit fil-vuci tieghu, l-espressjoni ta’ ghajnejh u movimenti li jun qieghed jaghmel waqt li jixhed u cirkostanzi ohra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xhieda, liema indikazzjonijet jghinu hafna lill-gudikant biex jadal ghad-decizjoni tieghu dwar il-veractia’ o meno ta’ dik ix-xhieda.” [para.10]

**37.** Fil-kaz odjern, l-ewwel Qorti semghet ix-xhieda kollha *viva voce*, u ghalhekk kellha l-opportunita` li tisma’ u tosserva x-xhieda fuq il-pedana, u din il-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament manifest zbaljat tal-provi meta waslet ghall-konkluzjoni li hi ma kinitx *“moralment konvinta li l-konvenuta kienet abbandunat id-dar ta’ Marsalforn u stabbiliet il-fond 24 Pjazza Savina, Rabat, Ghawdex bhala residenza ordinarja taghha.”* Mill-assjem tal-provi ma jidhirx li sar xi zball manifest da parti tal-ewwel Qorti. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza App.S. **Dr.Henry Mamo v. Joseph Farrugia** [supra]:

“Kif sewwa rrilevat il-Qorti ta’ l-Appell (Inferjuri) fis-sentenza tal-24 ta’ Marzu 2004 fil-kawza “***Xuereb Maria et v. Gauci Clement et*”:** “Huwa pacifiku f’materja ta’ konflitt ta’ verzjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista’ tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima *“actore non probante reus absolvitur”.* Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji talkredibilita` u specjlament dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq ilbilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi,

ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvincment tal-gudikant." L-istess Qorti fis-sentenza taghha tad-9 ta' Dicembru, 2002 fil-kawza "***Joseph Spiteri v. Carmen Spiteri***" osservat li: "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lil Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola 'in dubio pro reo'. Il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha."

**38.** Ferm il-premess, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-konsiderazzjonijiet fattwali senjalati mill-konvenuta fl-appell taghha.

**39.** Dwar l-ewwel u t-tieni punti sollevati mill-konvenuta, din il-Qorti tosserva li, filwaqt li huwa minnu li l-fond ta' Marsalforn jappartjeni lil ahwa Buhagiar, izda mill-provi jirrizulta li dan il-fond dam zmien twil okkupat esklussivament mill-konvenuta u l-familja taghha, tant li fil-kuntratt tas-separazzjoni gie indikat bhala "d-dar matrimonjali proprjeta` tal-konvenuta." Huwa minnu li wara l-mewt ta' missierha, l-attrici kienet tqatta' hafna hin ghand ommha fil-post tar-Rabat, flimkien ma' hutha, izda mill-provi ma jirrizultax li din kienet ikkonsenjat ic-cavetta tal-post lil ommha jew lil hutha. Tant hu hekk, li meta mistoqsija ghaliex meta fis-sena 2004 fethet kont bankarju fil-Lombard Bank, hija tat l-indirizz ta' Marsalforn, il-konvenuta rrispondiet hekk:

"… … forsi jien lil huti ma riedtx naghtihom is-sodisfazzjoni ta' certu korrispondenza li qeghda nircevi. Huti kienu jkunu d-dar tal-genituri ta' kuljum[9]. Anzi meta kienu jidhlu d-dar u jaraw hemmx posta fil-letter box, kienu jdahhluha maghhom."[10]

**40.** Din il-parti tax-xhieda tal-konvenuta turi li din kien ghad kellha c-cavetta tal-post ad eskluzjoni ta' hutha. Inoltre, mill-provi jirrizulta li meta t-tifla tal-konvenuta, li tghix barra, tigi Malta, hija toqghod f'dan il-post.

---

[9] Sottolinear tal-Qorti
[10] Fol.183

**41.** Dwar it-tielet punt, il-Qorti tosserva li, ghalkemm hemm kuntrast fil-provi dwar jekk il-konvenuta kienet tghix fil-fond tar-Rabat bhala residenza taghha, jew kinitx tmur hemm tghin lil ommha bhal hutha, hija lecita l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-pretensjoni tal-konvenuta fir-rigward ma kinitx adegwatament sostnuta mill-assjem tal-provi. Il-fatt li diversi xhieda, anke estranei, xehedu li huma ta' spiss kienu jaraw lil-ahwa, fuq bazi alternattiva, jaghmlu xoghol ta' tindif fid-dar u mal-faccata tad-dar tal-fond tar-Rabat, kif ukoll, il-fatt konfermat mill-konvenuta stess li hutha kienu jinzlu kuljum fid-dar ta' ommhom, iddghajjef it-tezi tal-konvenuta li hi kienet tghix fil-post tal-Rabat. *Multo magis*, meta stqarret li kienet zammet f'idejha l-post ta' Marsalforn fejn ghexet ghal snin twal.

**42.** Dwar ir-raba' punt, il-Qorti, taghmel referenza ghal dak minnha osservat, u cioe` li, galadarba hi kienet qed tivvanta titolu validu fil-ligi bbazat fuq fatt allegat minnha, allura l-oneru tal-prova, kemm tal-fatt allegat kif ukoll tat-titolu vantat kien jirrisjedi fuqha u mhux fuq l-atturi. Dwar ix-xhieda *"detto del detto"* din il-Qorti terga' ttenni li mill-assjem tal-provi jirrizulta provat li l-ahwa kienu jaghmlu l-facendi fid-dar ta' ommhom fuq bazi alternattiva jew ta' *roster*. Dan il-fatt huwa ferm verosimili, tenut kont li, kif sostnut mill-konvenuta fir-rikors taghha, il-familja Buhagiar kienet familja maqghuda, u t-tlett itfal kienu volontarjament jaghtu l-ghajnuna taghhom lil ommhom, partikolarment wara l-mewt tal-missier. Din kienet issir fuq bazi ta' *roster*, bil-ghan li jserrhu lil xulxin.

**43.** Dwar il-hames punt, il-Qorti tirribadixxi li l-oneru tal-prova li l-konvenuta ma kinitx ghadha tghix f'Marsalforn jirrisjedi fuq il-konvenuta u mhux fuq l-atturi. Barra minnhekk, ir-referenza tal-konvenuta ghall-petizzjoni li kienu ffirmaw ir-residenti ta' Pjazza Savina, biex tipprova li din kienet qeghda toqghod ma' ommha, huwa ezempju dghajjef hafna u ma jipprova xejn, ghajr li l-konvenuta u hutha <u>kienu jkunu</u> fil-fond tar-Rabat. Tant hu hekk, li din il-petizzjoni, li suppost kienet iffirmata mir-residenti ta' Pjazza Savina, kienet ukoll iffirmatha minn ohtha Carmen

Xuereb li ma rrizultax li kienet toqghod ma’ ommha jew fl-inhawi.

**44.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi tichad l-appell tal-konvenuta, u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez a karigu tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------